**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Ruben Theuma ta' 17-il sena bin Paul u Maria nee Portelli li joqghod fil-fond 35, Triq tas-Salib, Qala, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 19084 (G)**

Illum 23 ta' Jannar 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar il-21 t' Ottubru 2001 ghall-habta tat-3.40p.m. fi Triq Hondoq ir-Rummien, Qala, Ghawdex saq vettura numru FBA 43 (1) minghajr il-licenzja tas-sewqan mehtieg mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` tat-Trasport ta' Malta sabiex isuq l-istess vettura (2) minghajr ma kien kopert b'polza ta'assigurazzjoni rigward ir-riskji ta' terzi persuni.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li jekk l-imputat jinstab hati, barra mill-piena stabbilita mill-istess Qorti, jigi sospiz milli jkollu jew jottjeni il-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien illi l-istess Qorti jidrilha xieraq.

Semghet l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikoli 15 (1) (a) tal-Kap 65 u 3 tal-Kap 104;

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kap 9 stante li l-imputat ghadu minorenni;

Tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) fuq l-ewwel akkuza u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) ammenda fuq it-tieni akkuza;

Tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet xhur minn meta jaghlaq it-tmintax-il (18) sena.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur